MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 116/2010/1

**Angelo Crocetta**

**vs**

**Auto Sales Limited**

Il-Qorti

**Rat** li fis-seduta tal-20 ta' April, 2012 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-istess ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra li din il-kawza hi dwar tiswijiet li saru mis-socjeta’ konvenuta fuq il-vettura Renault nru DS014YV tal-attur u li l-attur jallega li dawn ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Fil-premessi ghat-TALBA l-attur qal li waqt li l-vetura kienet f’idejn is-socjeta’ konvenuta hu sofra danni u minhabba s-socjeta’ konvenuta inkorra spejjes ta’ kiri ta’

car u gie mgieghel ihallas tat-tiswijiet u bdil ta’ parts li jew ma sarux jew ma sarux sew. Interpellata taghmel tajjeb ghad-danni, s-socjeta’ baqghet inadempjenti.

Hawn l-attur ghadda biex talab li t-TRIBUNAL jiddikjara li s-socjeta’ responsabbli ghad-danni u spejjes minnu mgarrba, tillikwida l-istess jekk mehtieg permezz ta’ periti nominandi u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallsu l-quantum likwidat. L-attur illimita t-talba ghal tlett elef, erba mija sitta u disghin Ewro u sitt centezmi €3496.06. Bl-ispejjes u bir-rapprezentanti tas-socjeta’ ngunti ghas-subizzjoni.

Is-socjeta’ konvenuta eccipiet hekk:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur ghaliex mhux minnu li s-socjeta’ konvenuta hija b’xi mod responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur.

2. Illi mhux minnu li l-attur inkorra spejjez u danni b’risultat tax-xoghol tas-socjeta’ konvenuta.

3. Illi kull xoghol li sar mis-socjeta’ konvenuta sar skond is-sengha.

4. Illi minghajr pregudizzju l-attur ghandu jipprova d-danni allegatament sofferti minnu. L-ammont ta’ danni huwa kontestat.

Il-PROVI mressqa huma fil-qosor hekk:-

A Il-PL Nadine Farrugia qalet li ghalkemm l-attur hu Taljan residenti Malta, certi postijiet ma kienx jafhom. Halla f’idejha l-ilment dwar l-aircondition fil-car. Billi taf li hu “ffissat” fil-car, baghtitu ghand is-socjeta’ konvenuta, agenti tar-Renault.

Akkumpanjat lill-attur ghand l-agent. Kellmu lil Etienne Dalli, hallewlu l-car u l-ghada gabruha u qalilhom li ried

jinbidel pipe, prezz €310. L-attur accetta u kellu jigbor il-car fl-4 ta’ Awwissu 2009.

Mar jigborha l-attur, cemplilha u qalilha li meta telaq mill-istabbiliment tal-agent lejn ir-Rabat l-aircondition xorta wahda ma kienx jahdem. Hu u sejjer lura lejn l-agent, infetah il-bonnet u tghawweg u infaqghalu l-w/screen u hu saq bilmod lejn il-Mosta.

Minghand l-agent cemplilha u qalilha li anka sab marki taz-zejt imhollija mill-impjegati, fuq it-tapit – marki li rat hi stess meta marret hdejh. Marret mieghu l-ghada u kellmu lil E. Dalli u il-Manager Romain Galea u kien hemm xi haddiema ohra. Dawn hadu l-attitudni li ma kellhomx x’jaqsmu mal-hsara.

B’dahru mal-hajt, l-attur halla l-car hemmhekk. Etienne Dalli semmielu courtesy car. Mario Galea tah l-istima u qallu li malli jhalli €200 depozitu kienu jordnaw il-w/screen minn barra. L-ghada dan ta lill-attur stima ta’ kollox bil-miktub fl-ammont ta’ €875. Dwar meta titlesta t-tiswija semmew 2/3 gimghat ghall-wasla tal-w/screen u sadattant il-car tkun kemm jitqeghdilha dan. Il-courtesy car ma tawhielux fil-pront u l-attur kera car ghal tmiem il-gimgha. Bi skuza jew ohra baqa bla car minghandhom.

Hi u l-attur kienu jmorru jistaqsu fiex waslet it-tiswija u kienu jghidulhom li x-xoghol kien miexi. Meta ghaddew xi 3 gimghat, marru ghand Mario Galea u dan cempel lil xi hadd u semghetu jghidlu “Mela m’ordnajtuhx?” Talbuh biex jaraw ix-xoghlijiet u rrizultalhom li l-car ma kienetx ghadha ntmisset.

Fl-10 ta’ Settembru kellu jasal il-w/screen u l-attur kellu jmur ghall-car wara nofs-in-nhar u qalulu li l-problema tal-airconditions kienet gejja mill-batterija li riedet tinbidel bi flusu. Allura l-attur ibbukkja biex l-ghada jmur Sqallija bil-car fuq il-catamaran. Akkumpanjat lill-attur meta mar jigbor il-car. Talbu lil Mario biex johrog maghhom biex jigi testjat l-airconditioning. Dan induna li ma kienx stabbli u ma kienx qed jinhass. Hawn l-attur induna li s-sensors ma kienux qed jahdmu u b’hekk it-twieqi ma kienux qed

jahdmu kif suppost u anqas il-wipers u anqas is-sensors tat-tyres. Galea irranga biss it-twieqi, l-ohrajn ma kienx jaf kif. Li stereo tal-car ma bediex jahdem u kulhadd sata jara li l-kulur tal-bonnet ma kienx jaqbel mal-bqija.

Marru lura l-garaxx tas-socjeta' konvennuta u l-impjegati ghalqu l-bibien. Ipruvaw jirrimedjawlhom xihaga, imma ghalxejn. Huma ma riedux ihallsu s-somma totali tal-kont stante l-ilmenti msemmija. Hawn Romain Galea u Mario Xuereb qalulhom li jekk ma jhallsux kollox ma kienux ser jithallew johorgu l-car. Telqu mill-garaxx u hallewhom fid-dlam u bla arja.
Hawn ix-xhud u l-attur cemplu lill-Pulizija ta' Birkirkara u kienu dawn li qalulhom minn fejn kellhom johorgu u marru l-Ghassa wara li l-attur sakkar il-car u ha c-cavetta mieghu. L-ghada filghodu l-attur mar mill-gdid il-garaxx tas-socjeta' konvenuta. Minkejja li ppruvawlu jirrangaw xihaga fil-car, ma rnexxilhomx.

Biex hareg il-car l-attur kellu jhallas izda kiteb fuq irricevuta tas-socjeta':

Pago e faccio uscire questa macchina non perche sono contento per lavoro fatto ma perche non ho piu fiducia nei meccanici e non ho altra scelta per farla uscire dopo i lavori fatti per me (ara Dok AC4 esibit mal-affidavit tal-attur, a fol 26). Taf li wara l-attur mar Sqallija u sarulu tiswijiet ghand garaxx awtorizzat mir-Renault. Fuq parir li tawh ix-xhud u l-Av. Franco Galea, l-attur kien ta stima preventiva lis-socjeta' konvenuta biex l-ispiza tal-hsara tigi minimizzata, izda ghal xejn.

B L-attur xehed permezz ta' affidavit fl-ilsien Taljan. Fl-ewwel parti tieghu, fis-sustanza, itenni dak li qalet ix-xhud PL Nadine Farrugia u qed hawn issir riferenza diretta ghalih. Zied imbaghad dak li ssuccieda fi Sqallija. Hu mar ghand zewg ditti biex ikun cert milli kien ser isirlu fi Sqallija. L-ewwel Renault Concessionaria Puglisi/Autovia SPA (li rrilaxxat Dok AC 8 a fol 30). Hu nefaq ukoll, biex isewwi, dak muri fid-Dok AC 6 u 7.

Spjega kif, lura Malta, ipprova jasal ghal soluzzjoni amikevoli, izda ma wasalx avvolja saru zewg inkontri. L-attur spicca biex elenka l-ispejjes minfuqa fi Sqallija “fino ad oggi” u dawn jammontaw ghal €2803.57 (ara fol 19). Gew ukoll esibiti, a fol 21, 4 ritratti bhala dok ACF.

L-attur raga xehed fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2012 u ma zied xejn ta sustanza ma dak li kien qal qabel fl-affidvait. Jigi notat, izda, li f’dik l-udjenza Dr. Franco Galea ghall-attur talab li jesebixxi dokument li juri d-dettalji ta’ fejn saru x-xoghlijiet fuq il-vettura mertu tal-kawza fi Sqallija, u dan biex jikkonferma dak li qal fl-affidavit u li ddettalji li jidhru fuq il-fatturi ga esebiti minnu huma l-istess li jirrizultaw mill-vettura Renault. Dr. Manduca oppona, in vista tal-fatt li t-talba kienet qed issir meta z-zewg nahat kienu ga ghalqu l-provi u t-TRIBUNAL cahad it-talba.

C Etienne Dalli, service advisor mas-socjeta’ konvenuta qal li stima bil-miktub hlief fuq panel beating qatt ma kien hemm izda job cards li jinkludu l-invoice. Esibixxa Dok ED1, ED1A, ED1B, ED2. Bhala ED3 esibixxa filmat tal-car tal-attur fl-4 ta’ Awwissu 2009.

Meta ressaq affidavit b’nota tat-12 ta’ Lulju 2011 (wara li xehed fl-udjenza tat-2 ta’ Marzu 2011) qal li l-attur kien dahhal il-car ghax l-arja kondizzjonata ma kienetx qed tkessah. Bidlu pipe, cemplulu u ried jara liema wiehed gie mibdul. Fetah il-bonnet u urihulu. Ried jara l-mibdul. Hu halla l-bonnet wieqaf u meta mar lura sabu maghluq. Urieh dak antik u l-attur telaq. Ftit wara rcevew telefonata minghandu u gharrafhom bl-incident.

D Antoine Vella, parts manager mas-socjeta’ konvenuta, esibixxa dokumenti rigwardanti “spare parts” hekk: Dok AB1 – AB3 li jirrigwardjaw l-ordni tal-w/screen, id-data tal-ordni u d-data ta’ meta wasal. L-ordni saret fil-21 ta’ Awwissu 2009 u l-wasla kienet fit-3 ta’ Settembru 2009. Id-depozitu sar fis-7 ta’ Awwissu u l-ordni saret fil-21 ta’ Awwissu (enfasi tat-TRIBUNAL). X’gara dwar dewmien ma jafx. Jaf li kienu maghluqa fit-13 u 14 ta’ Awwissu (S. Maria) u l-ordni ssir il-Gimgha filghodu. It-13 ta’ Awwissu

kien il-Gimgha u l-ordni saret il-Gimgha 21 ta' Awwissu. Fl-affidavit tieghu, a fol 75, ma zied xejn gdid.

E John Sammut qal li jahdem bhala Workshop Controller mas-socjeta' konvenuta. Hareg il-car ghar-road test u wara dahhalha u ccekkja l-ilma, zejt u possibilita' ta' xi leak. Parkjaha barra x-showroom, sakkarha u ta' c-cwievet lil Dalli.

F Mario Galea xehed u esibixxa bhala Dok MG stima li nghatat lill-attur ghal w/screen u bonnet (€875, a fol 62). L-arja kondizzjonata ma tigix taht l-inkariku tiehu. Meta hareg mal-attur biex jiccekkjaw din, fl-opinjoni tieghu kienet tahdem. L-attur ma qabilx u ssuggerew li jmorru lura l-garaxx.

Fl-affidavit sussegwenti (a fol 77) ma zied xejn ta' sustenza.

G Romain Galea qal li hu ra is-CCTV recordings tal-04.08.09 u hemm jidher Etienne Dalli juri l-pipe lill-attur u lil dan jaghlaq il-bonnet u jitlaq bil-car.

In konro ezami qal li m'ghandhomx politika stabbilita dwar courtesy car izda jimxu kaz kaz. L-ewwel darba li gie nvolut fil-kaz kien dwar l-istima tal-panel beating – mill-bqija ra "prodott lest". Jaf li fl-10.09.09. Mario Galea kien qallu li l-attur ried jiehu l-car bla ma jhallas u dana minhabba li kien ghad irid jigi rear sensor minn barra izda dan ma setax ikun ghax huma jithallsu ta'dak li jkun ga sar meta tohrog il-car. Mario Galea qallu li l-attur (allura kien sar il-hin) ma riedx johrog mill-garaxx u hu qal lil Galea biex jispjega lill-attur li riedu jaghlqu u jekk jibqa jirrifjuta johrog isejjhu l-Pulizija. Il-workshop pero ma jissakkarx.

Fl-affidavit a fol 72 et seq ix-xhed tenna li ga xehed u amplifika fuqu u xehed fuq cirkostanzi li jirrizultaw minn xhieda ohra. Zied hekk:-

Wara li Crocetta telaq bil-vettura ghal xi tlett kwarti, cempel u avzana li l-bonnet infetah u kisser il-hgiega ta' quddiem. Meta gie fil-garage hu sostna li ahna ghalaqnih

il-bonnet. Ghalkemm sostnejna mieghu u mal-gharusa tieghu Nadine Farrugia li l-bonnet infetah u nghalaq minnu u l-kollega l-iehor tieghu qabel ma l-impjegat irritorna sabiex jurih il-pipe li nbidel. Ahna wkoll iddepositajna koppja tal-video tape juri u jikkonferma li l-allegazzjoni ta' Crocetta mhix minnha. L-gharusa tieghu Nadine Farrugia sostniet li ahna rridu niehdu responsabilta' ta' dana d-dannu, biss peress li hu ghalaq il-bonnet u kelna prova ta' dana apparti l-gwida lilna moghtija mis-Service Advisor, ma stajnix naccettaw. Il-klijent ilmenta wkoll fuq l-arja kondizzjonata biss ahna avzajnih li l-arja kondizzjonata ma kienetx qed tahdem sewwa minhabba li l-batterija kienet batuta. It-test tal-batterija juri li l-batterija kellha bzonn tinbiddel. Jirrizulta wkoll li meta tkun wieqfa “idle” l-clutch tal-kumpressur jaqta minhabba l-vultagg baxx.

Zied ukoll dan:-

L-avukat ta' Crocetta provdiena bi stima u dikjarazzjoni marbuta ma xogholijiet li saru Sqallija. L-istima hi fuq parts u labour li fl-opinjoni tieghu thallsu ghat-tiswija. Din id-dijarazzjoni gejja minn dealership tal-marka VW u Audi li mhumiex dealers ta' Renault. Apparti dan jidher li d-dokumenti u l-kitba originali tpoggiet fuq koppja ta' letterhead u ma ntuzawx letterheads originali ta' l-istess azjenda li ghandhom qal li sar x-xogholijiet. L-istima sa fejn nafu ahna ma saretx minn Renault dealer awtorizzat gewwa Sqallija.

Wara dan, Romain Galea raga xehed b'aktar spjegazzjonijiet dwar is-CD u fir-rigward esibixxa r-ritratti (mehuda minnu) bhala Dok AB1 sa AB10 (a fol 81-83)

KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis li hawn irid izomm quddiem ghajnejh tliet konsiderazzjonijiet bazici.:-

a) F'sede civili il-prova mressqa minn min imiss li jaghmel dan mhux necessarjament tkun ta' certezza assoluta izda prova trid xorta ssir. Hawn bizzejjed prova fuq bazi ta' probabiltajiet u meqjus dak id quod prelumque

accidit, imma l-prova trid, wiehed itenni, issir u mhux, kif nghidu fit-triq, “kemm tgholli s-sold!”
b) It-TRIBUNAL irid, statutorjament jiggwida ruhu wkoll minn principji ta’ ekwita’, izda dawn jippresupponi prova li, jekk ma tkunx forsi ghal kollox preciza, turik imma, b’indikazzjonijiet car, x’titlob il-gustizzja.
c) Meta klijent bhall-attur jitlob servizz, dan ghandu jinghatalu secundum artem bhala l-korrispettiv tal-hlas li jsir mill-klijent .

Fil-kaz prezenti l-attur qed jitlob kumpens minhabba hsarat u tiswija hazina fil-vettura tieghu li hu fada f’idejn is-socjeta’ konvenuta, socjeta’ li kellu raguni tajba ghala jahseb li kienet kompetenti biex tesegwixxi dak li stenna minnha.

Hawn tigi l-konsiderazzjoni: x’ressaq l-attur bhala prova in sostenn ta’ dak minnu allegat? Il-posizzjoni hi din:-

a) Dan hu kaz fejn tidhol is-sengha u, fic-cirkostanzi kien indikat b’mod l-iktar car li l-attur kellu jissoggetta l-vettura ghall-ezami ta’ espert li ma jimpurtax li jkun ex parte, tad-dannni minnu lamentati. Minflok, hu qabad u ha l-car Sqallija, sewwa u gie lura b’kont.
b) Wiehed jifhem (u hawn jidhol is-sens tal-ekwita’) li l-attur ma setax ihalli l-car, b’xoghol hazin fuqha ghal certu tul ta’ zmien inevitabbli, biex tigi spezzjonata minn espert mahtur waqt il-proceduri prezenti, imma t-triq alternativa msemmija kienet mizura ndikata u realistika.
c) Illum ghandna x-xhieda tal-attur, korroborata f’parti zghira biss (forsi inqas importanti) minn Nadine Farrugia, u ghandna minn naha l-ohra x-xhieda in kontrarju tal-impjegati tas-socjeta’ konvenuta li, secjalment fejn jidhol l-gheluq tal-bonnet (li l-attur tah importanza sew) hi mghajjfa sostanzjalment mix-xhieda ta’ dawn. Sal-punt li wiehed jghid li dak li sostna l-attur mhux pruvat.
d) Ghandna pretensjoni dwar kiri ta’ car bla ma t-TRIBUNAL ghandu quddiemu xi ricevuta u nholoq ukoll dubbju dwar l-awtenticita tal-kontijiet tat-tiswija fi Sqallija, dokumenti ba ebda awtentikazzjoni legali u li s-socjeta’ konvenuta titfa dubbji serji fuqhom. Ghalkemm dan mhux bizzejjed izda qed jitqies fuq l-isfond ta’ kollox.

DECIZJONI

Meta jqis dak kollu mfisser hawn fuq, it-TRIBUNAL jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici ghax ma gewx soddisfacentement pruvati mill-attur, kif kien mehtieg minnu li jaghmel b'dana li, fic-cirkostanzi, l-ispejjes jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet."

**Rat** li l-attur appellant hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk qed jinterponi appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-attur appellant Angelo Crocetta fejn gie premess:-

1. Illi permezz ta' avvizipprezentat nhar 1-4 ta' Frar 2010 ( fol 1-3), 1-attur appellant talab lill-ewwel Onorabbli Tribunal sabiex:

Jiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni u spejjez sofferti attur, tillikwida l-istess danni u spejjez okkorrendo permezz ta' periti nominandi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas s-somrna hekk likwidata.

Ghal kull buon fini l-attur jiddikjara li huwa qieghed jillimita t-talba tieghu sas-somma ta' €3494.06.

B1-ispejjez u bl-imghax dekorribli skond il-Ligi kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

2. Illi permezz ta' risposta pprezentata nhar it-18 ta' Frar 2010 (fol-5-6), s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez .kontra 1-istess attur ghaliex mhux minnu li s-socjeta' konvenuta hila b'xi mod risponsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur.

2. Illi mhux minnu li l-attur inkorra spejjez u danni b'rizultat tax-xoghol tas-socjeta' konvenuta.

3. Illi kull xoghol ii sar mis-socjeta' konvenuta sar skond is-sengha.

4. Illi minghajr pregudizzju l-attur ghandu jipprova d-danni allegatament sofferti minnu. L-animont ta' danni huwa kontestat.

3. Illi b'sentenza ta' 20 ta' April 2012, 1-0norabbli Tribunal Ghal Talbiet Zghar iddecieda billi ddikjara:

Meta jqis dak kollu mfisser hawn fuq, it-TRIBUNAL jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici ghax ma gewx soddisfacentement pruvati mill-attur, kif kien mehtieg minnu li jaghmel b'dana li, fic-cirkostanzi, l-ispejjes jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

4. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

i. Illi l-attur kellu problemi fis-sistema ta' 1-arja kundizzjonata tal-vettura tieghu ta' l-ghamla Renault u fl-Lulju 2009 ha 1-istess vettura ghand is-socjeta' konvenuta, l-agent lokali tad-ditta Renault sabiex isirulha t-tiswijiet necessarji;

ii. Illi minhabba l-agir ta' impjegati tas-socjeta' konvenuta huwa sofra hsarat ulterjuri u s-sistema ta' l-arja kondizzjonata baqghet ma ssewitx;

iii. Illi f'Awissu 2009 1-vettura regghat iddahlet fil-facilita' tas-socjeta' konvenuta sabiex isurulha t-tiswijiet necessarji;

iv. Illi 1-karozza giet konsenjata lura lill-attur f'Settembru 2009 pero' 1-karozza baqghet bil-hsara;

v. Illi 1-attur rtira 1-vettura "under protest" u hada ghand garaxx awtorizzat tar-Renault gewwa Sqallija

sabiex jkollu rapport ex parte u fil-fatt gab stima tax-xoghol li kellu jsir;

vi. Illi huwa ghadda 1-istess stima lis-socjeta' konvenuta Li minkejja li giet interpellata ma riditx taghmel ix-xoghlijiet riparattivi;

vii. Illi kien ghalhekk li 1-attur kien kostrett jaghmel it-tiswijiet gewwa Sqallija u istitwixxa dawn il-proceduri sabiex jirkupra l-ispejjez u l-flejjes mhallsa minnu minghand is-socjeta' konvenuta;

5. Illi l-esponent hassu aggravvat rnis-sentenza hawn fuq citata u minnha qieghed jinterponi dan 1-umli appell;

6. Illi 1-aggravvju ta' 1-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Onorabbli Tribunal ghamel applikazzjoni erronea tal-ligi applikabbli ghal kaz in ezami;

7. Illi dan 1-aggravvju jirriskontra tlett episodji fejn l-ewwel Onorabbli Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi:

i. Ir-rekwiziti ta’ l-azzjoni in kwistjoni;

ii. L-oneru tal-prova;

iii. L-Eccezzjoni ta’ l-awtenticita’ tad-dokumenti;

8. Illi r-rekwiziti sabiex tirnexxi l-azzjoni prospettata mill-esponent appellant huma:

i. Prova li huwa fil-fatt sofra hsara u li nkorra spejjez;

ii. Prova li din il-hsara giet sofferta u l-ispejjez gew inkorsi minhabba xi agir tas-socjeta’ konvenuta;

iii. Prova tal-quantum ta’ tali hsara u spejjez inkorsi;

9. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni rekwizit, l-esponent jaghmel referenza ghal affidavit tieghu stess u dak tal-prokuratur legali Nadine Farrugia. F’dawn l-affidavits, johrog bic-car l-iter li ha dan il-kaz fejn l-esponent dahhal il-vettura tieghu ghal tiswijiet relatati mas-sistema ta’ l-arja kundizzjonata fl-istabilliment tas-socjeta’ konvenuta u fejn dan id-difett baqa mhux irrangat mis-socjeta’ konvenuta b’dan li minflok saru hsarat fil-vettura ta’ l-esponent. L-esponent ma jaqbilx mal-fehma espressa mill-ewwel Onorabbli Tribunal li l-affidavit tal-prokuratur legali Nadine Farrugia huwa biss ta’ rilevanza marginali.

Li kieku hawnhekk kellna kaz ta’ persuna estera li ma titkellimx bil-Malti u impjegati tas-socjeta’ konvenuta li ma jafux bil-lingwa taljana, wiehed seta’ jikkoncedi li kien hemm xi diffikultajiet sabiex l-partijiet jifhmu lil xulxin li seta’ wassal ghall-episodji kollha elenkati f’dan iz-zewg affidavits imsemmija hawn qabel. Izda hawnhekk ghandek il-konferma ta’ persuna Maltija u del resto professjonista, l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li tikkonfrema dak li l-attur appellant kien qieghed jghid dwar l-agir ta’ l-impjegati tas-socjeta’ konvenuta u dak li ntqal minnhom. Hawn mhux kaz ta’ detto del detto izda dal li rat u semghat hija personalment.

Illi l-prova tal-hsarat u l-ispejjez mhux biss saret permezz ta’ dokumenti rilaxxati mis-socjeta’ konvenuta stess li jikkonfermaw x-xoghlijiet li l-istess socjeta’ ghamlet fuq il-vettura in kwistjoni izda wkoll jikkonfermaw l-ammonti mhallsa mill-attur. Fuq dawn id-dokumenti ma hemmx dubju ghaliex meta prodotti in ezami l-istess impjegati tas-socjeta’ konvenuta pproducew l-istess dokumentazzjoni li pprezenta l-attur appellant ma’ l-affidavit tieghu. [vide xhieda ta’ Etienne Dalli (fol. 52-53) u d-dokumenti ezebiti minnu].

Inoltre gew ezebiti ritratti tal-hsarat li saru fil-vettura meta din kienet fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta [Vide Doc ACF a fol 21 tal-process] fejn jidher l-intern tal-vettura mtebbgha biz-zejt kif ukoll ritratt tal-bonnet tal-karozza li juri li dan ma twahhalx sew [ara differenzi fl-ispazju bejn il-

bonnet u l-genb tal-karozza meta wiehed iqabbel iz-zewg nahat] kif ukoll iz-zebgha li saret ma kienetx taqbel mal-kumplament tal-vettura.

10. Illi kif qal l-ewwel Onorabbli Tribunal l-attur appellant ma kienx mistenni li “ihalli l-car, b’xoghol hazin fuqha ghal certu tul ta’ zmien inevitabbli, biex tigi spezzjonata minn espert mahtur waqt il-proceduri prezenti.” L-Art.9 (2) (c) tal-Kap. 380 jistipula li fil-fatt it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu 1-parir espert taghhom, u jekk jinhatru tali periti huwa ghandu jifformula elenku ta' fatti li l-perit ikollu jirrelata dwarhom. Dawn ma kienux proceduri fejn kien hemm il-htiega ta' hatra ta' espert. Kuntrarjament ghal dak li qal 1-ewwel Onorabbli Tribunal, 1-attur issoggetta 1-vettura tieghu ghal ezami ta' espert ex parte u ma qabadx u mar Sqallija sewwa 1-vettura tieghu u ipprezenta 1-kont lis-socjeta' konvenuta. Fil-fatt l-esponent appellant ha il-vettura tieghu gewwa stabilliment awtorizzat tar-Renault gewwa Sqallija, 1-Autovia spa fejn talab stima tax-xoghol li kellu bzonn isir sabiex il-problema tal-vettura tieghu tigi rizolta. Ghal dak li kien jirrigwarda z-zebgha tal-karozza huwa ha 1-vettura tieghu ghand Autocarrozzeria Tomasello u gab opinjoni indipendenti.

11. Illi fil-fatt huwa konfermat mill-istess xhieda tas-socjeta' konvenuta ( vide xhieda Romaine Galea) li fil-fatt 1-esponent appellant kien bghat kopja ta' 1-istimi lis-socjeta' konvenuta preventivament u kien interppellahom jaghmlu x-xoghol huma in linea mal-principju ta' minimizzazzjoni tad-dannu u kien wara li huma ma ghamlux dan ix-xoghol li hu ghamel it-tiswijiet. Infatti jekk wiehed ihares lejn id-dokument ipprezentati malajr jintebah li ghalkemm l-istima ta' Autovia Spa iggib id-data tad-9 ta' Ottubru 2009, ix-xoghol sar u thallas nhar id-29 ta' Dicembru 2009 [Doc AC5 ma' 1-affidavit ta' l-esponent appellant]. Illi ghalhekk dak li kien mistenni minnu mil-ligi l-attur gharnlu;

12. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahhar rekwizit u cioe' 1-prova tal-hsara sofferta u l-ispejjez inkorsi mill-attur, l-esponent ipprova dan oltre milli sodisfacentament bid-

dokumenti minnu pprezentati fejn juri 1-ammonti mhallsa minnu, li 1-maggor parti taghhom huma kkonfermati mis-socjeta' konvenuta fejn l-impjegati taghha pprezentaw dokumenti identici. Oltre ghal dan hemm ix-xhieda ta' l-attur innifsu li anke meta sarlu l-kontroezami baqa' jsostni l-versjoni tieghu.

13. Illi 1-oneru tal-prova f'dawn il-proceduri huwa dak li parti li tallega xi haga trid tipprova 1-istess sal-grad tal-probabli. Dan jidher li ma kienx applikat mill-ewwel Onorabbli Tribunal li addirittura donnha ppretendiet xi grad ta' prova superjuri. L-attur pprezenta provi ezawrenti in sostenn tat-tezi tieghu. Li huwa important li 1-provi kollha prodotti jigu kkunsidrati fl-assjem kollha taghhom. L-attur ghax kien diga' kellu hjiel tar-reticenza tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta tella 1-istess xhieda hu bhala xhieda tieghu Minghajr ma wiehed jirrileva li huwa ferm stramb kif xhieda li xehdu in ezami (prodotti mill-attur), konsegwentament minflok jittellghu in kontroezami jipprezentaw affidavit, harsa lejn ix-xhieda ta' dawn ix-xhieda:

i. Etienne Dalli - 02.03.2011 ( fol.40-41)
ii. Antoine Vella — 06.05.2011 (fol.52-53)
iii. Mario Galea — 06.05.2011 (fol. 54-57)
iv. Mario Galea — 10.06.2011 (fol. 59-60)
v. Romaine Galea — 10.06.2011 (fol.67-68)

malajr tohrog in-nuqqas ta' kredibilita’ taghhom li in ezami donnhom iridu jaghtu x'jifhmu li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni u kullhadd jghid li haddiehor jista' jixhed u imbaghad fl-affidavit taghhom jippruvaw jaghtu stampa ghal kollox differenti. Xorta wahda pero' jikkonfermaw dak li jghid 1-attur f’dettalji important bhal dati u meta gew ordnati 1-parts da parti taghhom. Ghalkemm ma jimpingix direttament fuq id-danni u spejjez sofferti mill-attur appellant wiehed ma jistax ma jirreferix ghall-episodju fejn l-attur u 1-Prokuratur Legali gew imsakkra fil-garaxx tas-socjeta' konvenuta meta ilmentaw mix-xoghol li kien sar u li t-tiswijiet ma kienux saru u addirittura kellhom jitolbu l-

assistenza tal-pulizija sabiex johrog mill-post. Indikazzjoni cara ta' 1-agir abbuziv tas-socjeta' konvenuta.

14. Illi finalment ghandu jinghad ukoll li 1-ewwel Onorabbli Tribunal ghamlet ukoll applikazzjoni hazina fejn ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fuq id-dokument ezebiti fejn qalet:

Nholoq dubbju dwar 1-awtenticita tal-kontijiet tat-tiswija fi Sqallija, dokumenti bla ebda awtentikazzjoni legali u li s-socjeta' konvenuta titfa dubbji serji fuqhom;

Bir-rispett dovut 1-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata ghal dak li jirrigwarda 1-eccezzjoni ta' awtenticita' tad-dokumenti. Fl-ewwel lok din 1-eccezzjoni qatt ma tqajjmet u ma tistax kemm tissemma' f’xhieda izda trid titqajjem formalment. Izda minkejja dan 1-ewwel Onorabbli Tribunal donnu skarta ghal kollox ukoll dak li jipprovdi l-Art.9 (2) (b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li gudikatur:

ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera ii biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta;

Il-maggoranza tad-dokumenti ezebiti mill-attur kienu identici ghal dawk li pprezentaw impjegati tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk 1-argument ta' xi dubju dwarhom huwa non sequitur. Dwar id-dokumenti minn entitajiet esteri, l-attur pprezenta 1-aqwa prova 1i kellu u cioe' kopja tad-dokumenti rilaxxati lilu. Ghal kull buon fini dawn qed jergghu jigu ezebiti [Dok FG 1- FG 3] halli din 1-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkun tista' tikkonstatata l-istess. Jigi rilevat li lanqas fil-kontroezami li sar lill-attur ma gie kontradett fuq dan il-fatt izda l-attur in riezami rega tenna li dak li pprezenta kienu fil-fatt dokumenti ta' garaxx awtorizzat tar-Renault.

Ghal dawn il-motivi l-appellant qed jitlob li din il-Qorti (1) tilqa l-aggravju tieghu u b’hekk tirrevoka u thassar l-

imsemmija sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn it-talbiet attrici gew michuda u minnflok jigu akkolti t-talbiet attrici fl-intier taghhom u jigu michuda l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellata.

**Rat** ir-risposta tas-societa konvenuta appellata Auto Sales Limited, liema att jikkontjeni appell incidentali limitata ghall-kap tal-ispejjez u fejn gie sottomess:-

Preliminari:

1. Illi n-kwantu laqghet l-eccezzjonijiet tas-soccieta konvenuta u rrispingiet it-talbiet attrici, s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

1.1. Illi l-esponent jaghmel riferenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sens li l-istess Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament ta' l-qorti ta' l-ewwel grad:

i. Qorti tal-Appell: 11/1/1995 Abram Bezzina vs. Joseph Falzon.
ii. Qorti tal-Appell Civili 23/1/1959 George Portelli vs. Nicola Galea.
iii. Qorti tal-Appell Inferjuri 2/12/1994 Carmelo Agius vs. John Agius.
iv. Qorti tal-Appell 25/2/1952 Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino noe.

Illi fil-kawza Carmelo Agius vs. John Agius gie ddikjarat:

"Illi gie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi distrubat minn qorti ta' kompetenza Superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' rivizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kreata ngustizja."

Illi f'din il-kawza meta l-ewwel Qorti semghet il-versjonijiet tal-partijiet viva voce u ikkokludiet li l-versjoni tas-societa

konvenuta hija iktar kredibli. L-ewwel qorti setghet tara sew l-attegjament tax-xhieda u mhux biss dak li qalu.

2. Fatti:

Illi l-esponent assolutament ma jaqbilx mal-versjoni tal-fatti kif espress mill-appellant. Mhux minnu li minhabba l-agir tal-impjegati tas-societa konvenuta l-attur sofra hsarat. L-attur ma gab ebda prova li l-impjegati tas-societa konvenuta b'xi mod ghamlu hsara fil-vettura tieghu.

Illi l-attur dahhal il-vettura tieghu ghal tiswijiet. Hu jghid li "id-difett baqa mhux irrangat u minflok saru hsarat". Illi huwa difficili li wiehed jemmen din il-versjoni. Jekk id-difett ma giex irrangat l-attur setgha facilment ha l-vettura ghand mechanic iehor f'Malta sabiex jigi ezaminat il-vettura. L-attur ma kienx presenti waqt li kienu qieghdin isiru r-riparazzjonijiet fil-garage ta' Auto Sales u ghalhekk kull xhieda tieghu dwar x'gara waqt li hu ma kienx hemm mhux accettabli.

F'paragrafu nru. 9 tal-appell l-attur jghid li l-prova tal-hsarat … saret mid-dokumenti rilaxxati mis-societa konvenuta. Dan mhux minnhu. L-allegazzjoni li ritratti juru li l-intern tal-vettura mtebbgha biz-zejt huma infondati. Ma hemmx prova li s-societa konvenuta kienet risponsabbli ghal dawn l-allegat danni.

3. L-aggravji tal-attur:

L-attur ma qal xejn gdid li ma qalx fit-tratazzjoni quddiem t-Tribunal. Certament ma jistax f'dan l-istadju jesebixxi dokumenti ohra. Ghalhekk l-esponent jitlob l-isfilz tad-dokumenti esbiti mal-appell mill-attur appellant.

Fl-appell ma hemmx car x'inhuma l-aggravji tal-attur. Hu qieghed jghid li irnexxilu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. It-Tribunal, li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti, ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti u cahdet it-talbiet attrici fuq nuqqas ta' prova.

Illi wara li ha l-vettura minn ghand Auto Sales, Crocetta kiteb fuq l-fattura:

“Pago e faccio uscire questa macchina non perche sono contento per lavoro fatto ma perche non ho piu fiducia nei meccanici e non ho altra scelta per farla uscire dopo i lavori fatti per me”.

Illi kieku kien hemm xi danni kagjonati mis-societa konvenuta l-attur kien jaghmel rimarka dwar dawn id-danni f’dan l-istadju izda ma ghamel xejn minn dan.

Illi kif ikkonkluda tajjeb l-ewwel Qorti l-attur ma gabx provi bizzejjed biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu. Illi jekk l-attur kellu xi ilment dwar ix-xoghol tas-societa konvenuta kien imissu l-ewwel gab prova indipendenti tal-allegat xoghol hazin jew danni u imbaghad talab li s-societa konvenuta tara l-vettura u r-rapport indipendenti. L-attur min flok aghzel li jmur barra minn Malta. Illi ma hemm ebda prova li x-xoghol li sar f’Sqallija kien xoghol li sar necessarju b’risultat ta’ xoghol hazin minn naha tas-societa konvenuta. U dan ghaliex ma hemm ebda evidenza li sar xoghol hazin jew danni fil-vettura tal-attur.

Illi l-attur ipprova jiehu ammont iehor ta’ flus mis-societa konvenuta billi sostna li kera vettura. Apparti li ma kellu ebda dritt li jippretendi li s-societa konvenuta ihallas ghal kiri ta’ vettura billi ma gabx prova li ma setghax juza l-karozza tort tas-societa konvenuta, l-attur naqas li jippresenta xi document ta’ prova li kera vettura. Fil-Fatt it-Tribunal ikkonkludiet:

“Ghandna pretensjoni dwar kiri ta’ car bla ma t-TRIBUNAL ghandu quddiemu xi ricevuta u nholoq ukoll dubbju dwar l-awtenticita tal-kontijiet tat-tiswija fi Sqallija, dokumenti bla ebda awtentikazzjoni legali u li s-socjeta’ konvenuta titfa dubbji serji fuqhom”.

L-impjegati tas-societa konvenuta xehdu b’mod konvincenti li ma ghamlu ebda hsara fil-vettura tal-attur. Ma hemmx ragjuni ghaliex wiehed ghandu jiddubita x-xhieda tal-impjegati tas-societa konvenuta.

Fil-kawza "G Mifsud vs P Micallef" (P.A. 1 ta' Lulju 1997) inghad li:

"meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur lattur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l bilanc tal-probabiltajiet favur l-istess attur".

Illi f'dan il-kaz l-attur mhux kredibli ghaliex naqas li jippresenta rapport ex parte dwar l-allegat xoghol hazin; naqas li jilmenta mill-ewwel dwar xi allegat danni li saru fil-vettura tieghu; naqas li jippresenta rcevuti ta' allegat danni (fil-kaz ta' allegat kiri ta' karozza); Hemm dubju ragjonevoli dwar l-allegat xoghol li sar f'Sqallija. Ma hemm ebda prova li dan ix-xoghol kellu isir minhabba l-agir tas-societa konvenuta.

Illi ma hemm xejn li jindika li wiehed ghandu jiddubita x-xhieda mressqa mis-societa konvenuta.

Ghalhekk billi l-appell huwa kollha ibbazata fuq allegazzjoni ta' apprezzament hazin tal-fatti meta jidher li t-Tribunal ghamel apprezzament gust, l-esponent jissotometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-appell ta' Angelo Crocetta bl-ispejjes kontra tieghu.

Illi l-esponent jrid jippresenta appell incidentali mis-sentenza fuq imsemmija billi t-Tribunal fl-ahhar ikkonkluda li "l-ispejjes ghandhom jibqghu minghajr taxxa". Illi jekk t-Tribunal cahad it-talbiet tal-attur, l-istess attur kellu jigi kkundannat ihallas l-ispejjes tal-kawza.

Ghalhekk is-socjeta' appellanti qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza fejn cahdet it-talbiet attrici izda tirriforma s-sentenza fejn ikkonkludiet li l-kawza ghandha tibqa minghajr taxxa u minnflok tordna li l-appellant jhallas ghal ispejjes kollha ta' l-ewwel istanza u ta' din l-istanza.

**Rat** ir-risposta tal-appellant ghall-appell incidentali tas-socjeta appellata fejn ge sottomess b'mod preliminari li l-appell incidentali hu null stante li s-socjeta' appellata ma

osservatx ir-rekwiziti dettati “ad validitatem” mill-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe’ l-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Gie sottomess ukoll li l-Ligi ma tipprovdix tassattivament li l-ispejjez ghandhom dejjem jithallsu mill-parti telliefa, izda f’dan ir-rigward il-Qorti ghandha diskrezzjoni kif jigu ripatiti l-ispejjez.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2012 minn fejn jirrizulta li l-appallent irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu rigwardanti n-nullita’ tal-appell incidentali.

**Rat** l-istess verbal minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li f’dan l-appell hu importanti l-meritu.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kif kompilati quddiem it-Tribunal.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell intavolat mill-attur appellant Angelo Crocetta minn sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tal-20 ta' April, 2012. L-istess appellant fir-rikors tieghu, li ta’ bidu ghal dawn il-proceduri talab li s-socjeta’ appellata tigi dikjarata responsabbli u konsegwentement tigi kkundannata thallas id-danni sofferti mill-attur fil-vettura ta’ proprjeta’ tieghu meta kellu jikri karozza ohra u kellu jhallas ghat-tiswijiet minhabba li s-socjeta’ appellata ma ghamlitx it- tisswijiet skond kif jiirrikjedu l-arti u s-sengha. Inoltre l-appellant iddikjara li kien qed jillimita t-talba tieghu ghas-somma ta’ tlett elef, erba mija sitta u disghin euro u sitt centezmi €3496.06.

Dwar din it-talba tal-appellant it-Tribunal iddecieda billi cahad l-istess talba. Ir-raguni moghtija mit-Tribunal hi li t-talba ma gietx pruvata sufficjentement. It-Tribunal iddecieda ukoll li l-ispejjes kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u dan in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz.

Fost il-fatti rizultanti u rilevanti nsibu li l-appellant kien sofra hsarat fil-vettura tieghu ta' l-ghamla Renault senjatament fis-sistema ta1-arja kondizzjonata. Ghalhekk huwa dahhal l-istess vettura ghat-tisswija ghand is-socjeta’ appellata, li hi l-agent f’Malta tal-imsemmija marka ta’ karozzi. L-appellant jallega li meta hu ha lura l-vettura, wara li saru t-tiswijiet, sofra danni ulterjuri minhabba l-agir tas-socjea’ appellata u tal-impjegati taghha. In effett l-appellant jallega li s-sistema in kwestjoni baqghat ma tiffunzjonax. Kwindi l-vettura regghet iddahhlet ghand is-socjeta' appellata sabiex isurulha t-tisswijiet necessarji. Meta l-appellant hadha lura, 1-karozza baqghet bil-hsara. Jidher li din id-darba l-appellant irtira l-karozza minnghand l-appellati taht protestra. Sussegwentement huwa ha l-vettura biex tigi esaminata Sqallija u b’hekk huwa ottjena certifikat li kien jindika x-xoghol li kellu jsir u stima tal-istess xoghol. Is-socjeta’ appellata kompliet tirrifjuta li tesegwixxi x-xoghol u b’hekk ix-xogholijiet kolllha relattivi saru Sqallija.

In effett fis-sentenza appellata t-Tribunal jelenka l-fatti kif rrizultawlu. F’dan l-esercizju gew riprodotti, kwazi “verbatim”, dak kollu li qalu x-xhieda kollha li nstemghu. Tant hemm dettal li hemm ukoll inkluzi affarijiet li huma ghal kolox irrilevanti ghal fini tas-sentenza in kwestjoni. Jekk it-Tribunal jidhirlu li ghandu jirriproduci dak kollu li jkun qal kull xhud, almenu ghandu jaghzel li jhalli barra dawk ix-xhieda li huma rrilevanti kif ukoll dak kollu li jkun intqal mix-xhieda li hu ukoll rrilevanti. F’din is-sitwazzjoni li ghandu jsir, semmai, hu sunt tad-deposizzjoni tax-xhieda, li tkun rilevanti ghall-finijiet tad-decizjoni li tkun ser tinghata.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli, skond hu, t-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi. F’dan ir-rigward l-appellant jirrileva li hemm tlett istanzi fejn it-Tribunal applika erroneament il-ligi u cioe’ fir-rigward tar-rekwiziti ta’ l-azzjoni, tal-oneru tal-prova u tal-eccezzjoni dwar l-awtenticita’ tad-dokumenti.

Ir-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi din l-azzjoni, huma tlieta u cioe’ li ssir il-prova li gew sofferti hsarat u gew

inkorsi spejjez, il-prova li dawn il-hsarat gew sofferti minhabba l-agir ta' min qed jigi allegat li kkawza l-istess hsarat, f'dan il-kaz is-socjeta' appellata, jew minhabba agir li hu imputabbli ghall-istess socjeta' u finalment trid issir il-prova tal-quantum tad-danni. L-appellant hu tal-fehma li dawn ir-rekwiziti gew kollha ppruvati minnu b'mod sufficjenti quddiem it-Tribunal.

In effett hawnhekk si tratta ta' evalwazzjoni tal-fatti u jekk jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija rekwiziti essenzjali biex tirnexxi l-azzjoni. Ghalhekk l-ilmenti tal-appellant ma jinkwadrawx ruhhom bhala applikazzjoni erronea tal-ligi izda jirrigwardaw, semmai, interpretazzjoni hazina tal-fatt u evalwazjoni erronea tal-provi prodotti. Kwindi l-istess ilmenti huma, essenzjalment, kwestjoni ta' fatt. Kif gia gie ribadit diversi drabi, inkluz minn din il-Qorti kif preseduta, Qorti ta' revizjoni ma tbiddilx l-evalwazzjoni tal-fatti kif tkun saret mill-ewwel Qorti, f'dan il-kaz it-Tribunal, ovvjament, sakhemm tali evalwazzjoni ma tirrizultax lampantement zbaljata u li hi bbazata fuq fatti zbaljati. Dan ma jirrizultax li hu l-kaz.

It-Tribunal ikkonsidra li l-punti basilari tas-sentenza appellata huma l-grad tal-prova li trid kawza civili u cioe' hu bizzejjed li l-gudikant ikun sodisffatt fuq bazi ta' probabilita' u m'hemmx ghalfejn ikun hemm certezza assoluta u l-principju ta' ekwita', li taghmel referenza ghalih il-ligi li waqfet it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. Fir-rigward tal-imsemmi principju t-Tribunal sostna li, skond il-ligi, huwa ghandu jigi gwidat fid-decizjonijiet tieghu mill-imsemmi principju, li jfisser li hu bizzejjed li l-prova li trid issir tindika d-direzzjoni li twassal ghall-gustizzja u m'hemmx ghalfejn tkun prova preciza.

Basikament dawn il-punti gew espressi korrettement mit-Tribunal. Hu ben maghruf li l-grad tal-prova rikjesta f'kawzi ta' natura civili, kif opposti ghal kawzi ta' natura kriminali, hu bbasat fuq il-probabilita' u m'hemmx ghalfejn li jkun ibbazat fuq certezza assoluta. Dwar il-principju tal-ekwita', d-definizzjoni tat-Tribunal, skond din il-Qorti, hi certament korretta. L-ekwita' ma tista qatt tigi applikata kontra u a

skapitu ta’ dak li tipprovdi l-ligi. L-ghanijiet tal-principju in kwestjoni jista jintlahaq tramite l-interpretazzjoni li tinghata minn min qed jiggudika tal-fatti rizultanti u tal-artikoli tal-ligi in kwestjoni kif ukoll permezz tal-grad tal-prova skond kif giet dfefinita mit-Tribunal fis-sentenza appellata. B’dan il-mod ikun qed jintlaqa dak li tirrekjedi l-ligi meta tipprovdi li t-Tribunal jista ukoll jiddeciedi skond l-ekwita’. Ghalhekk ma hemm xejn fis-sentenza appellata, li jisthoqqlu li jinbidel jew jigi skartat.

Hu car mis-sentenza appellata li t-Tribunal deherlu li l-provi prodotti mill-appellant ma kienux bizzejjed biex anke fuq bilanc ta’ probabilitajiet it-talba tieghu tigu akkolta. Ma jirrizultax li t-Tribunal esiga prova superjuri ghall-grad tal-probabli. M’hemmx dubju t-Tribunal hu l-ahjar gudikant dwar il-mod kif iddiportaw ruhhom ix-xhieda prodotti miz-zewg partijiet, kif ukoll dwar il-kredibilita’ tal-istess xhieda. Kwindi, f’dan ir-rigward, din il-Qorti ta’ revizjoni zgur li mhux ser timponi l-gudizzju taghha, kontra dak tat-Tribunal. Ix-xhieda ghandhom kwalunkwe dritt skond il-ligi li jippresentaw affidavit, pero’ dan hu dejjem suggett ghal kontro-ezami. Ma jirrizultax li b’xi mod l-appellant gie disturbat fid-dritt tieghu li jaghmel il-kontro-ezami.

Lanqas ma jirrizulta li t-Tribunal applika hazin il-ligi f’dak li jirrigwarda l-gudizzju tieghu dwar l-awtenticita' tad-dokumenti. Il-ligi bl-ebda mod ma taghmel divjett li t-Tribunal iqajjem dubju dwar id-dokumenti esibiti u l-awtenticita’ taghhom, anke jekk tali dubju ma giex sollevat mis-socjeta appellata.

Ma jirrizultax li b’xi modit-Tribunal mar kontra dak li hu provdut fil-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hawnhekk l-appellant isostni li t-Tribunal skarta dak li hu provdut fl-artikolu 9(2)(b) tal-istess Kapitolu.

Id-dubbju li t-Tribunal stqarr li kellu kien gej mill-agir tal-appellant li minnflok ma ssoggetta l-karozza tieghu ghal spezzjoni minn tekniku f’Malta, huwa qabad u siefer bl-istess karozza sabiex din tissewwa. Dan il-fatt qajjem dubju dwar id-dokumenti li gew prodotti mill-istess

appellant dwar it-tisswija li saret Sqallija u kwindi l-kontroll tad-dokumenti hu aktar difficli. Dawn huma dubji legittimi.

Ghalhekk ma jirrizultax li t-Tribunal applika hazin il-ligi fit-tlett istanzi rilevat mill-appellant. Konsegwentement dan l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha.

Kwantu ghall-appell incidentali tas-socjeta’ appellata dan ukoll ghandu jigi michud anke in vista tal-verbal tal-appellanti li kien qed jirtira l-ewwel eccezzjoniji rigwardanti n-nullita’ tal-appell incidentali kif ukol in vista tal-verbal tal-partijiet fejn iddikjaraw li l-aktar li kien inportanti kien l-appell fil-mertu tal-appellant. Jista pero’ jinghad li d-decicizjoni tat-Tribunal dwar l-ispartiment tal-ispejjez hi legittima u skond il-ligi. In effett l-artikolu 223(3) jipprovdi li Qorti tista tordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha jekk il-Qorti jidhirla li hemm raguni tajba. Hu evidenti li t-Tribunal deherlu li, in vista tac-ciorkostanzi kollha tal-kaz, kien hemm raguni tajba ghala ghazel li jordna li l-ispejjez tal-ewwel sentenza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Kwindi l-appell incidentali ukoll jisthoqqlu li jigi rigettat.

L-ispejjez ta’ dan l-appell ukoll ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in vista tal-istess cirkostanzi partikolari tal-kaz kif ukoll in vista tal-fatt li kemm l-appell pricipali tal-appellant kif ukoll dak incidentali tas-socjeta’ appellata ser jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddecidi billi tichad kemm l-appell kif ukoll l-appell incidentali u b’hekk tikkonferma in toto s-sentenza appellata tal-20 ta' April, 2012 tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-ispejjez kollha ta’ dan l-appell u tal-appell incidentali jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------